

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-10 ta' Settembru 2008 — Tsakiris-Mallas vs UASI — Late Editions (exē)**

(Kawża T-96/06) (¹)

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja ex- — Trade mark verbali nazzjonali preċedenti EXE — Raġuni relativa għal rifut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebħi tal-prodotti u tas-sinjal — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94*”)

(2008/C 272/36)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

## Partijiet

Rikorrenti: Tsakiris-Mallas AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: C. Samaras, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: D. Botis, aġġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Late Editions Ltd (Leighton Buzzard, Bedfordshire, ir-Renju Unit)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-11 ta' Jannar 2006 (każ R 1127/2004-2) rigward proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Late Editions Lts u Tsakiris-Mallas EPE (li saret Tsakiris-Mallas AE).

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Tsakiris-Mallas AE hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 108, 6.5.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Settembru 2008 — L-Italja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-181/06) (¹)

(“*FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — Spejjeż esklużi mill-finanzjament Komunitarju — Korrezzjonijiet finanzjarji — Frott u ħaxix — Prodotti tal-ħalib — Uċuħi tar-raba’ li jinhar — Żvilupp rurali — Nuqqas ta’ osservanza tat-termini ta’ pagament*”)

(2008/C 272/37)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

## Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentant: G. Aiello, avvocato dello Stato)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Cattabriga u F. Jimeno Fernández, aġġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avocat)

## Suġġett

Talba għall-annullament parorzzi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/334/KE, tat-28 ta' April 2006, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerti spejjeż imġarrba mill-Istati Membri taħt it-Taqsima tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) (ĠU L 124, p. 21), safejn din teskludi ċerti spejjeż magħmula mir-Repubblika Taljana fis-setturi tal-frott u ħaxix, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, tal-ucuħi tar-raba’, tal-iż-żvilupp rurali kif ukoll fil-qasam ta’ terminu ta’ pagament.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 212, 2.9.2006.